

ikkunsidrat li l-prodotti li huma “softwer tal-kompjuter” fil-klassi 9 ikunu użati biss “b’mod partikolari” għall-ġbir u għall-ipproċessar ta’ data korporattiva. F’dan ir-rigward, varjetà ikbar ta’ softwer tkun tista’ taqa’ taħt din it-trade mark. Barra minn dan, is-softwer tar-rikorrenti huwa użat ukoll minn inġiniera u minn persuni oħra li ma jkunux familjari mat-terminoloġija tan-negozju. L-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar dan il-punt hija bbażata fuq fatti żbaljati.

Barra minn dan, il-Qorti Ġenerali għal darba oħra ibbażat ruħha fuq fatti żbaljati meta kkunsidrat li l-kelma “ROI” għandha tifsiriet differenti f’lingwi differenti, iżda meta dan l-element ikun flimkien mal-kelma “ANALYZER” il-pubbliku dejjem jarah bħala “Return On Investment”. L-argument tal-Qorti Ġenerali, li mingħajr ma jagħmel kunsiderazzjonijiet oħra l-pubbliku rilevanti jifhem din id-denominazzjoni bħala “strument għall-analiżi tar-rata ta’ ritorn fuq investment”, huwa wieħed żbaljat.

Barra minn dan, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni żbaljata tal-prodotti u tas-servizzi f’dak li jirrigwarda hardwer tal-kompjuter meta kkunsidrat li kien hemm raġunijiet għar-rifjut tar-reġistrazzjoni. Wara li ġew separati l-elementi tat-trade mark, l-isem ta’ dawn il-prodotti u s-servizzi fil-klassijiet 35 u 42 ġie legalment irreġistrat.

Fl-aħħar nett, saret referenza għar-reġistrazzjonijiet magħmula fl-UE, jiġifieri bħala trade marks Komunitarji, referenza li ġiet irrifjutata fuq il-bażi li t-trade marks nazzjonali ma jstgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni. Għal darba oħra, din il-preżunzjoni kienet ibbażata fuq informazzjoni żbaljata.

### **Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Novembru 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

(Kawża C-542/10)

(2011/C 30/41)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: Ł. Habiak u S. La Pergola, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja

#### **Talbiet**

— tikkonstata li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkon-

forma ruħha b’mod sħiħ mad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2007 dwar is-servizzi ta’ ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE<sup>(1)</sup>, u fi kwalunkwe każ billi ma nnotifikatx dawn il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Polonja kisret l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 94(1) tal-imsemmija Direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

#### **Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2007/64 skada fl-1 ta’ Novembru 2009.

<sup>(1)</sup> ĠU L 319, p. 1.

### **Appell ippreżentat fit-23 ta’ Novembru 2010 minn Hans-Peter Wilfer mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba’ Awla) mogħtija fit-8 ta’ Settembru 2010 fil-Kawża T-458/08 — Wilfer vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-546/10 P)

(2011/C 30/42)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### **Partijiet**

Appellant: Hans-Peter Wilfer (rappreżentant: W. Prinz, avukat)

Appellat: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

#### **Talbiet tal-appellant**

L-appellant jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla fl-intier tagħha s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba’ Awla) tat-8 ta’ Settembru 2010, fil-Kawża T-458/08,

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.